MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 57/2011

**Mario Borg**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija vs Avukat Generali**

Permezz ta' rikors prezentat fit-12 ta' Settembru 2012 ir-rikorrent ippremetta u talab:-

1. L-esponent jaghmel riferenza ghas-sentenzi fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alvin Privitera (deciza fil-11 ta' April 2011), Il-Pulizija vs Mark Lombardi (deciza fit-12 ta' April) u l-Pulizija vs Esron Pullicino (deciza fit-12 ta'

April 2011) u Reppublika ta’ Malta vs. Martin Dimech (Digriet moghti fl- 4 ta’ Lulju 2011) u dan stante meta huwa gie nvestigat mill-Pulizija, ma inghata l-ebda access ghal assistenza legali waqt u matul l-investigazzjoni tal-Pulizija.

Ghaldaqstant, huwa sofra ksur tad-dritt fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u jitlob lil din l-Onorabbli Qorti takkordalu rimedju xierqa, inkluz smiegh mill-gdid tal-kaz tieghu;

2. Illi l-esponenti jirrileva illi x-xhieda principali li ddeponew u cioe z-zewg nisa Torok ossia Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek l-anqas kellhom huma stess access ghal assistenza legali waqt li kienu qed jigu nvestigati u ghaldaqstant tali ksur kellu riperkussjonijiet mhux biss fuq l-andament tal-proceduri taghhom stess, izda impatt dirett fuq il-proceduri kontra l-esponenti.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob rimedju xieraq ghal dan in-nuqqas ta’ ligi, li bi ksur id-drittijiet fundamentali tieghu ghal smiegh xieraq u senjatament l- Artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, tipprovdi ghal assistenza legali fil-kuntest ta’ l-interogazzjoni;

3. Illi l-esponent jaghmel referenza wkoll ghal fatt illi l-istess Magistrat illi ikkonduciet l-Inkjesta, kienet l-istess Magistrat li kkonduciet il-proceduri fil-Kumpilazzjoni.

Illi dan jammonta ghal ksur tad-dritt fundamentali ta’ smiegh xieraq ai termini ta’ l-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u konsegwentement jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha takkordalu rimedju xieraq inkluz s-smiegh tal-kawza mill-gdid;

4. Illi l-esponent jaghmel riferenza ghal paragrafu ghoxrin (20) u wiehed u ghoxrin (21) tas-sentenza tal-Qorti ta’ l- Appell u fl-ismijiet Reppubblika ta’ Malta vs Mario Borg, datata dsatax (19) ta’ Mejju tas-sena kurrenti elfejn u hdax (2011), fejn iddikjaratu mhux hati

tar-reat illi allegatament sehh f' April tas-sena elfejn u tlieta (2003), u li kien jikkostitwixxi f'konsenja ta' droga separata.

Illi l-esponent umilment jissotometti illi l-Qorti naqset milli tirrifletti din id-dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' htija fil-piena inflitta. Illi konsegwentement, l-esponenti sofra lezjoni tad-dritt tieghu u jitlob rimedju xieraq;

**Ghaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, l-esponenti, umilment u bir-rispett jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:**

1. Tiddikjara illi fil-proceduri fl-ismijiet : Ir-Reppubblika ta' Malta vs. Mario Borg, deciza minn l-Appell fid-dsatax (19) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) gew lezi d-dritt fundamentali tieghu;

2. Konsegwentement tiddikjara illi sehhet vjolazzjoni ta' l- Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u ta' l-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropeja;

3. Taghti r-rimedju effettiv u opportuni fic-cirkostanzi nkluz izda mhux biss id-dikjarazzjoni ta' l-estinzjoni tal-proceduri suriferiti u kumpens prekunjarju.

**Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija u ta' l-Avukat Ġenerali**:-

Illi preliminarjament ikun opportun li jiġu allegati l-atti ta' natura kriminali kollha sabiex din l-Onorabbli Qorti jkollha quddiemha stampa ċara ta' dak li seħħ fil-proċeduri kriminali kontra r-rikorrent;

Illi in linea preliminari, ir-rikors promutur huwa wieħed frivolu u vessatorju u abbużiv tal-proċess ġudizzjarju ai termini ta' l-artikolu 46(5) tal-Kostituzzjoni stante li mhux għajr riproponiment ta' ilmenti kostituzzjonali li diġa ġew mressqa quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, liema Qorti, fl-20 ta' Novembru 2008, ddikkjarat li t-tqanqil tal-kwistjoni kostituzzjonali bħala sempliċement frivoli u vessatorji għall-finijiet u effetti kollha ta' l-artikolu 46(3) tal-

Kostituzzjoni ta’ Malta u ta’ l-artikolu 4(3) tal-Kap 319 u ċaħdet it-talba sabiex issir referenza lill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili kif mitlub mir-rikorrent Mario Borg;

Illi fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-allegat ksur tad-dritt tas-smigħ xieraq a tenur ta’ l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta huwa infondat fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

Illi l-każijiet li jagħmel referenza għalihom ir-rikorrent kienu ferm differenti mill-każ odjern. Bħala prinċipju ma jeżisti l-ebda dritt fundamentali ta’ assistenza legali iżda jeżisti biss dritt fundamentali ta’ smigħ xieraq meta bniedem jkun akkużat b’reat kriminali. Ċertament mhux il-każ li l-Qrati nostrali rritenew li jekk persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jew saħansitra matul l-investigazzjoni, allura awtomatikament dik il-persuna sofriet ksur ta’ dritt ta’ smigħ xieraq kif qiegħed jallega r-rikorrent;

Illi inoltre u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti huma ta’ l-umli fehma li l-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea, senjatament id-deċiżjoni fl-ismijiet ‘***Salduz v. Turkey***’ lanqas ma għandha jkollha effett retroattiv u taffetwa il-proċeduri fl-ismijiet ‘***Ir-Repubblika ta’ Malta vs Mario Borg***’ deċiża mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell Kriminali fid-19 ta’ Mejju 2011 kif qed jittenta jagħmel ir-rikorrent in kwantu dawk il-proċeduri huma ormai *res judicata*. In linea ma l-osservazzjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali nostrali fil-kawża fl-ismijiet ‘***Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina v. Mark Lombardi***’ deċiża fit-12 ta’ April 2011 u ‘***Simon Xuereb vs l-Avukat Ġenerali***’ deċiża mill-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta’ Ottubru 2011 ‘*il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea iżda m’għandiex ikollha effett retroattiv u taffettwa dawk id-deċiżjonijiet li llum huma res judicata. Din hi l-istess linja li ħadet il-Qorti Ingliża fil-każ ta’ Cadder ... “The retrospective effect of a judicial decision is excluded from cases that have been finally determined”’;*

Illi mingħajr preġudizzju għal dan, ma hemm l-ebda *self incriminating evidence* fl-istqarrija rilaxxata volontarjament mir-rikorrent li effettivament innega kollox u għal uħud mid-domandi għażel li ma jirrispondix;

Illi dejjem mingħajr preġudizzju, ir-rikorrenti bl-ebda mod ma kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta. Ir-rikorrenti ingħata t-twissija skond il-liġi senjatament li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq iżda li dak li kien ser jgħid seta' jinġieb bħala prova kontra tiegħu. Di più, l-istess rikorrent kien qiegħed jifhem l-import taċ-ċirkostanza li kien jinsab fiha;

Illi inoltre u dejjem mingħajr preġudizzju, l-esponenti jissottomettu ulterjorment li fl-ebda waqt tal-proċeduri ma ġiet attakkata l-validita' jew il-volontarjeta' ta' l-istqarrija da parti tar-rikorrenti iżda kien biss wara aktar minn tmien snin mir-rilaxx ta' tali stqarrija permezz tal-proċeduri odjerni li qed tiġi attakata l-istqarrija għax allegatament ittieħdet bi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu. Effettivament, matul il-proċeduri kriminali li jirreferi għalihom ir-rikorrenti fir-rikors promutur, huwa qatt ma oppona għall preżentata ta' l-istess stqarrija fil-proċess kriminali, u issa wara li l-proċeduri kontrih ilhom *res judicata* ħames xhur, qiegħed iqajjem din il-lanjanza kostituzzjonali;

Illi, di più, fil-każ odjern ir-rikorrent, kien hemm provi skjaċċanti li jikkorraboraw it-teżi tal-prosekuzzjoni u wasslu lill-ġurati jsibu lir-rikorrent ħati tar-reati li kien akkużat bihom fosthom stqarrijiet u xhieda ta' persuni oħra akkużati b' reati relatati,

telefonati, xhieda tal-puliżija li kienu qed jinvestigaw il-każ: 'kwindi, f'dan il-każ, is-sejba ta' ħtija ma kinitx bażata unikament jew prinċipalment fuq l-istqarrija li għamel ir-rikorrent, iżda fuq ċirkostanzi oħra li wasslu għall-Qorti Kriminali tqis bħala 'evidenti' l-involviment tiegħu fir-reati li kien akkużat bihom'[1];

---

[1] '*Simon Xuereb vs l-Avukat Ġenerali'* deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-14 ta' Ottubru 2011

Illi bir-rispett dovut, l-esponenti ma jistgħux jifhmu kif id-depożizzjoni tax-xhieda prinċipal li allegatament ma ngħatawx assistenza legali waqt li huma ġew investigati, allegatament illediet id-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti u dan speċjalment in vista tal-fatt illi ma jeżisti l-ebda dritt li għall-assistenza legali fl-istadju inizjali ta' l-investigazzjoni sabiex ma jiġux inkriminati terzi!;

Illi l-fatt li allegatament l-istess Maġistrat li kkonduċiet l-inkjesta kienet l-istess Maġistrat li kkonduċiet il-proċeduri fil-kumpilazzjoni ma jledi l-ebda dritt fundamentali tar-rikorrent u kwalsiasi allegazzjoni li l-kumpilazzjoni ma saritx b'mod indipendenti u imparzjali hija manifestament infondata;

Illi inoltrè, dato ma non concesso li l-fatt li l-istess Maġistrat li jikkonduċi inkjesta ikun l-istess Maġistrat li jikkonduċi l-provi fil-kumpilazzjoni jista' jledi d-dritt ta' smigħ xieraq ta' akkużat, kif qed jallega r-rikorrent b'mod ipotetiku fin-nota spjegattiva tiegħu ta' l-20 t' Ottubru 2011, jibqa' l-fatt li f'dan il-każ partikolari r-rikorrent instab ħati wara li għadda ġuri u mhux b'sentenza ta' l-imsemmi Maġistrat;

Illi bir-rispett dovut, kemm it-tielet kif ukoll ir-raba' allegazzjonijiet tar-rikorrent, in kwantu r-rikorrent qiegħed jittenta juża din il-proċedura kostituzzjonali bħala mezz biex jappella minn deċizjoni ta' l-Onorabbli Qorti tal-Appelli Kriminali tad-19 ta' Mejju 2011 li llum hija *res judicata* u jlibbisha b' libsa kostituzzjonali, din il-proċedura hija frivola u vessatorja u tabbuża minn din il-proċedura straordinarja kostituzzjonali;

Illi kemm mill-premess kif ukoll mill-atti proċesswali huwa manifest li d-drittijiet tar-rikorrent, senjatament dawk sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta qatt ma ġew leżi fil-proċeduri kriminali in kwistjoni;

Illi finalment, dato ma non concesso li ġew leżi d-drittijiet sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet

tal-Bniedem u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, l-esponenti jissottomettu li kull rimedju mitlub mir-rikorrenti mhux ġustifikat kif ukoll li ma hemm l-ebda lok għal kumpens pekunarju.[2]

Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad t-talbiet kollha tar-rikorrenti u dan bl-Ispejjeż kontra l-istess rikorrent.

**Fatti**:-

1. Fis-17 ta' April 2003 ir-rikorrenti kien tressaq il-qorti b'arrest akkuzat li bejn Frar 2003 u l-15 ta' April 2003 assocja ruhu ma' nies f'Malta sabiex ibiegh u jittraffika medicina, talli fl-istess zmien importa jew gieghel li tigi mportata f'Malta d-droga eroina u kellha fil-pussess tieghu d-droga eroina u liema droga nstabet f'cirkostanzi li juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv tieghu.
2. Fl-14 ta' Gunju 2006 hareg l-att ta' akkuza kontra Mario Borg.
3. B'sentenza li nghatat mill-Qorti Kriminali fis-16 ta' Jannar 2008 wara l-verdett tal-gurati, iddikjarat lil Mario Borg hati talli bejn Frar 2003 u April 2003:-

*"1) talli bejn Frar u l-hmistax t'April, elfejn u tlieta (2003), importa, gieghel li tigi mportata jew ghamel xi haga sabiex tista' tigi importata medicina perikoluza (eroina) f'Malta bi ksur tad disposizzjonijiet tal- Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellux licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett, u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza;*
*2) talli bejn Frar 2003 u April 2003, assocja ruhu ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika medicina w droga ohra (eroina) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi jew ippromwova, kkostitwixxa, organizza jew iffinanzja din l-assocjazzjoni, u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza;*

[2] Major Peter Manduca vs l-Onorevoli Prim' Ministru deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Jannar 1995

*3) talli bejn Frar 2003 u April 2003, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina li ghaliha tapplika t-Taqsima V ta' l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat- Taqsima VI tal- Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienx awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N.*
*292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill- President ta' Malta li jkollu dik id-droga fil-pussess tieghu w dik id-droga ma gietx fornita lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija w b'dan li r-reat sar taht tali cirkostanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu w dana skond it- Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza*.";

Il-qorti kkundannat lil Borg ghal wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija u multa ta' sebghin elf ewro (€70,000) u hlas ta' spejjez tal-perizji.

4. B'sentenza li nghata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-19 ta' Mejju 2011, il-qorti hassret dik il-parti tas-sentenza li sabet lil Borg hati ta' pussess aggravat fix-xahar ta' April 2003 (Tielet Kap) u ddikjaratu mhux hati f'dan ir-rigward, u kkonfermata fir-rigward tal-kumplament.

Il-qorti tibda biex tiddikjara li ma' taqbilx mat-tieni eccezzjoni tal-intimati. L-ilment li ressaq ir-rikorrent permezz ta' dawn il-proceduri ma kienux fit-talba li ghamel quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali ghal riferenza kostituzzjonali. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

Il-qorti ser tittratta l-ilment tar-rikorrent:-

1. **<u>Ksur tad-dritt fundamentali ghal smiegh xieraq peress li ma kienx inghata access ghall-assistenza legali waqt u matul l-investigazzjoni tal-Pulizija</u>.**

Jirrizulta li fil-kors tal-investigazzjoni li ghamlet il-pulizija, Borg kien ghamel stqarrija fis-17 ta' April 2003 li ghazel li ma jiffirmax. F'dan ir-rigward il-qorti tirrileva:-

i. Ma kien hemm xejn milli jzomm lir-rikorrent milli jissolleva l-ilment tieghu fl-istadju li kienu ghadhom pendenti l-proceduri kriminali. Ir-rikorrenti jista' jargumenta li d-dritt ghall-access ta' avukat gie rikonoxxut bis-sentenza ta' **Salduz v Turkija**. Pero l-ewwel decizjoni nghatat fis-26 ta' April 2007[3], cjoe' fi zmien meta l-kaz kien ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Il-kaz ta' Borg sar gudikat.

ii. F'rikors li pprezenta quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2008 talab ghal riferenza kostituzzjonali minhabba lezjoni tad-drittijiet fundamentali protetti bl-Artikolu 39(1) u (8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6(1) u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea[4]. L-ilment dwar l-istqarrija ma jissemma mkien.

iii. L-istqarrija ta' Borg, ma kenitx xi prova determinati biex jinstab hati tal-akkuzi. Fl-ebda parti mill-istqarrija ma ammetta li kellu x'jaqsam ma' negozju ta' droga. Mistoqsi jekk kienx jaf lil Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek, cahad. Mistoqsi dwar l-uzu ta' droga, ghazel li ma jwegibx.

iv. Hu minnu li f'partijiet tas-sentenza l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet riferenza ghall-istqarrija. Pero' l-istqarrija ma kenitx il-bazi tas-sejbien ta' htija. M'hemmx dubju li s-sejbien ta' htija kienet principalment bazata fuq ix-xhieda ta' Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek, li f'*identification parades* kienu gharrfu lir-rikorrent bhala l-persuna li kellhom kuntatt mieghu f'Malta. Dawn kienu l-persuni li tqabbdu biex mit-Turkija jgiebu d-droga f'Malta. Fil-fatt dawn it-tnejn min-nies irrakontaw kif Nilgum iltaqghet mieghu fit-3 ta' Marzu 2003 filwaqt li Melek iltaqghet mieghu fl-4 ta' Marzu 2003. Hu altru milli evidenti li Borg ma nstabx hati minhabba dak li qal fl-istqarrija, ghaliex ma qal xejn rilevanti, izda minhabba l-provi l-ohra li tressqu kontra tieghu. Dan ma kienx xi kaz fejn l-

[3] Is-sentenza tal-Grand Chamber inghatat fis-27 ta' Novembru 2008, meta l-kaz kien ukoll ghadu pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.
[4] Fl-20 ta' Novembru 2008 il-qorti tat provvediment fejn cahdet it-talba u ddikjarat li t-talba kienet frivola u vessatorja.

istqarrija kienet l-unika prova jew fejn ix-xhieda irtiraw dak li kienu qalu lill-pulizija, lill-magistrat inkwirenti u dak li xehedu waqt il-kumpilazzjoni. Fejn il-kaz ikun gie deciz b’sentenza li ghaddiet in gudikat, il-qorti trid tara t-totalita tal-proceduri biex tasal jekk kienx hemm ksur tad-dritt ghas-smiegh xieraq. M’ghandux ikun li fi proceduri ta’ din ix-xorta din il-qorti tissostitwixxi l-fehma taghha dwar il-fatti ghal dik li esprimew il-gurati u l-Qorti tal-Appell. Mill-atti tal-proceduri kriminali hu altru milli evidenti li fir-rikors tal-proceduri r-rikorrent kien dejjem assistit minn avukat u nghata kull opportunita li jressaq il-kaz tieghu u jikkontesta l-provi kollha li tressqu kontra tieghu.  Il-fatt li Borg ma kellux access ghall-avukat meta kien taht arrest qabel wiegeb ghad-domandi tal-pulizija, ma effettwax b’mod irrimedjabbli d-drittijiet tieghu ta’ difiza.

2. **<u>Ix-xhieda principali li xehedu, Kandemir Meryem Nilgum u Kucuk Melek ma kellhomx access ghall-avukat waqt li kienu qeghdin jigu nvestigati</u>**.

Fil-fehma tal-qorti r-rikorrent m’ghandux jedd li jressaq dan l-ilment, meqjus li:-

i. F’kaz ta’ stqarrija li tinghata lill-pulizija, hi **<u>biss</u>** il-persuna li taghmel l-istqarrija li ghandu jkollha d-dritt li tilmenta li ma kellix access ghall-avukat u tinvoka ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvezjoni. Persuna ghandha kull jedd li liberament, ukoll jekk tkun suspettata, taghzel li twiegeb ghad-domandi u tghin fl-investigazzjoni li tkun qeghda tmexxi l-pulizija fir-rigward ta’ terzi persuni. F’dan ir-rigward it-terza persuna, Mario Borg, ma jistax jipprova japprofitta ruhu billi jilmenta li l-istqarrijiet ta’ Kucuk Melek u Kandemir Meryem Nilgun saru minghajr ma kellhom access ghall-avukat. Borg m’ghandux il-jedd li jipprova jiehu xi vantagg ghalih billi jinvoka drittijiet fundamentali li jispettaw lill-persuni ohra. Id-dritt li persuna jkollha access ghall-avukat qabel taghmel stqarrija lill-pulizija, hu intiz biex joffri protezzjoni lil dik il-persuna li wara jittiehdu proceduri kriminali kontra taghha, u mhux lil xi haddiehor li jissemma f’dik l-istqarrija. Ghalhekk l-ilment li ressaq Borg kien disponibbli biss lil Nilgum u Melek, fir-rigward tal-proceduri li ttiehdu kontrihom.

ii. Dawn l-istqarrijiet kienu gew konfermati quddiem il-Magistrat Inkwirenti. Jirrizulta li mbaghad kienu xehedu waqt il-kumpilazzjoni u regghu ikkonfermaw l-istqarrijiet. Fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2006 gie verbalizzat hekk:-

*"Sar qbil ukoll bejn il-partijiet li d-deposizzjonijiet ta' Kucuk Melek u Meryem Nilgun mghotija fl-inkjesta pero konfermata minnhom fil-kumpilazzjoni huma ammissibbli pero' suggetti ghas-salva gwardji kontemplati fl-artikolu 639(3). In vista ta' dan il-qbil Dr Montalto jirtira t-tielet eccezzjoni."*.

iii. Melek u Nilgun regghu xehedu fil-guri (seduti tal-14 ta' Jannar 2008 u 15 ta' Jannar 2008) u sahansitra sarilhom ukoll il-kontroezami mid-difensur ta' Borg. Ir-rikorrent altru milli nghata l-opportunita li jiddefendi ruhu u permezz tad-difensur li assistih, jikkontesta u jaghmel domandi lil dawn ix-xhieda. Sahansitra fir-rigward tax-xhud Melek gie verbalizzat: *"il-prosekuzzjoni titlob li titqassam kopja tal-istatement u x-xhieda li x-xhud Kucuk Melek tat quddiem il-Magistrat Dr C Scerri Herrera.* ***Id-difiza ma topponix.****"*.

3. **<u>Il-Magistrat Inkwirenti kienet l-istess Magistrat li quddiemha saret il-kumpilazzjoni</u>**.

Ilment li f'dan il-kaz hu ghal kollox minghajr bazi meta tqies li:-

i. Fil-15 ta' April 2003 sar rapport mill-Ispettur Nezren Grixti lill-Magistrat tal-ghassa li kien gie arrestat Mario Borg fir-rigward ta' investigazzjoni dwar traffikar ta' droga eroina. Kif isir is-soltu l-Magistrat Inkwirenti nnominat l-esperti. Peress li Mario Borg tressaq quddiem il-qorti fis-17 ta' April 2003, fit-23 ta' April 2003 il-Magistrat Inkwirenti ghalqet l-inkjesta. Fil-process verbal jinghad:- *"Illi permezz ta' nota pprezentata fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2003 mill-Kummissarju tal-Pulizija, l-Magistrat Inkwerenti giet mitluba sabiex taghlaq dan il-process verbal stante li l-imsemmija persuna kienet tressqet l-Qorti in konnessjoni ma dan il-kaz. Maghmula dawn il-kostatazzjonijiet il-Magistrat Inkwirenti tirredigi l-presenti process verbal,*

*tghaqqad mieghu r-rapport tal-Ispettur Nezren Grixti u l-atti l-ohra kollha ppresentati quddiemha u tordna li kollox jintbaghat lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.”*.

ii. Il-Magistrat Inkwirenti hu indipendenti mill-pulizija u l-qorti ma taqbilx li jkun qieghed jaqdi rwol ta' prosekutur[5].

iii. Il-Magistrat inkwirenti ma esprimit l-ebda opinjoni dwar jekk kienx hemm provi bizzejjed kontra Mario Borg biex jittiehdu proceduri kriminali.

iv. Il-kaz ta' Borg instema' f'guri u mbaghad mill-Qorti tal-Appell.

v. Ma kien hemm xejn milli jimpedixxi lir-rikorrent sabiex waqt is-smiegh tal-kumpilazzjoni, jissoleva dan l-ilment u sahansitra jitlob ir-rikuza tal-Magistrat li quddiemha nstema' l-kaz. Fatt li kien maghruf lil Borg fis-seduta tat-28 ta' April 2003 meta gie esebit il-process verbal. M'ghandux ikun li wara dawn is-snin kollha r-rikorrent jipprova jfittex li jiehu xi beneficcju mill-passivita tieghu stess.

vi. Sahansitra, fin-nota tal-eccezzjonijiet preliminari li pprezenta fit-13 ta' Lulju 2006 quddiem il-Qorti Kriminali, kien ilmenta li:-

*“illi l-atti tal-istruttorja huma nulli ghaliex dawn gew kompilati minn Magistrat li mhux biss kien il-Magistrat li kkonduca l-inkjesta li kienet nzammet wara r-rapport verbali tal-Ispettur Nezrin Grixti tal-15 ta' April 2003, izda li sahansitra l-istess Magistrat baqa jikkonduci l-istess inkjesta Magisterjali ghal perjodu ta' zmien wara li l-akkuzat kien gja gie mixli bl-akkuzi odjerni u kien qed jigi pprocessat quddiem l-istess Magistrat. F'dan ir-rigward bizzejjed li jigi rilevat illi kif jirrizulta mil-inkartament ta' din il-kawza, filwaqt li l-akkuzat tressaq quddiem il-Qorti Istruttorja nhar is-17 ta' April 2003, il-process gie redatt u konkluz mill-istess Magistrat li kien qed jisma l-kawza nhar it-23 ta' April 2003.”*.

Fis-seduta li saret fit-30 ta' Ottubru 2006 quddiem il-Qorti Kriminali, din l-eccezzjoni giet irtirata. Kull kumment iehor ikun superfluwu.

---

[5] Ara nota prezentata mir-rikorrent fl-20/10/2011.

4. **<u>Ghalkemm il-Qorti tal-Appell sabitu mhux hati ta' wahda mill-akkuzi, dan il-fatt ma giex rifless fil-piena tal-qorti</u>**.

Ilment iehor tar-rikorrent hu li ma ha l-ebda beneficcju li s-sentenza tal-ewwel qorti gie varjata fir-rigward tal-Tielet Kap ta' Akkuza li kien jittratta dwar pussess ta' eroina bejn Frar 2003 u April 2003, fis-sens li l-Qorti tal-Appell iddikjarat li ma kienx hati li kellu l-eroina fil-pussess tieghu f'dak ix-xahar. Borg gie kkundannat ghall-wiehed u ghoxrin (21) sena prigunerija u multa ta' sebghin elf ewro (€70,000). Il-qorti ma taqbilx li r-rikorrent ghandu xi dritt li jiehu xi beneficcju in kwantu:-

1. Hu nstab hati tat-Tielet Kap.
2. Il-perjodu Frar u April kien qieghed jidentifika biss perjodu li fih twettaq ir-reat, minghajr ma nghatat data specifika. Ix-xahar ta' Marzu jaqa' f'dan it-*time bracket*.
3. Minn qari tas-sentenza tal-ewwel qorti ghal finijiet ta' piena ma ssemma xejn jekk kellux pussess ta' eroina darba jew darbtejn. Borg kien qieghed jiffaccja sentenza ta' **<u>ghomru l-habs</u>** ghar-reat ta' assocjazzjoni ma' persuni ohra sabiex jimporta, ibiegh jew jittraffika d-droga[6]. Il-hsieb tal-imhallef li kien qieghed jippresjedi l-guri kien bazat fuq l-involviment ta' Borg *"f'operazzjoni ta' traffikar ta' droga eroina ta' kwantita sostanzjali li kienet ser iggib herba fost il-vittmi ta' din id-droga fil-pajjiz. Ghalhekk il-piena trid tkun wahda li tirrifletti serjament il-gravita' tar-reati anki in relazzjoni ma' sentenzi ohra li erogat din il-Qorti f'kazijiet analogi biex kemm jista' jkun, ikun hemm uniformita' fl-erogazzjoni tal-piena."*[7].

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghd taqta' u tiddeciedi l-kawza billi ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija:-**

**1. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-intimati.**
**2. Tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu**.

---

[6] Ara wkoll Artikolu 17 tal-Kodici Kriminali.
[7] Fol. 8 tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------